



2023/2237

9.11.2023

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 82/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2237]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1519 tal-5 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbi għall-prodotti fertillizzanti tal-UE li fihom komposti inibituri u l-postproċessar tad-diġestat (¹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 1 (ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIV tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“— **32022 R 1519:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1519 tal-5 ta' Mejju 2022 (ĠU L 236, 13.9.2022, p. 5).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1519 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 77/2023 tat-28 ta' April 2023 (²), skont liema data tkun l-iż-żejjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Nicolas VON LINGEN

(¹) ĠU L 236, 13.9.2022, p. 5.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

(²) ĠU L 2023/2233, 9.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2233/oj>.